CCP Year 9 History Study

Studja t-Topics kollha li huma Topic 1, Topic 2, Topic 3

Studja Topic wieħed kull tlett ġimgħat.

## Topic 1 Il-Port ta` Malta

Ħares lejn l-istampa u aqra s-sentenzi



Stampa A

a. Fl-istampa A jidher il-Port ta` Malta.

b. F` dan il-Port kienu jaħdmu ħafna ħaddiema bħala baħħara, kaptani u qaddiefa fi żmien il-Kavallieri.

ċ. Fi żmien l-Ingliżi, il- maltin kienu jaħdmu fit-Tarzna biex isewwu l-vapuri.

d. Illum il-ġurnata jidħlu vapuri kbar bit-turisti f` dan il-port.

e. Fit-Tieni Gwerra Dinjija, daħal il-Konvoj ta` Santa Marija, vapur kbir li wassal l-ikel għal Malta.

Topic 2 **Ir-Razzett Malti**

**Ħares lejn l-istampa u aqra s-sentenzi**



Stampa B

a. Fl-istampa B jidher razzett malti.

b. Ir-Razzett malti jixbaħ ir-Razzett Għarbi.

ċ. Il-Bidwi kien jgħix fir-razzett, irabbi l-annimali u jaħdem l-għalqa.

d. Ir-Razzett kien ikollu kamra fuq il-bejt, ngħidulha l-għorfa.

e. Il-maqjel kienet kamra u fiha kont issib annimali bħal ħnieżer, baqar u mogħoż.

f. Il-mandra kienet kamra u fiha kont issib it-tiġieġ u l-papri.

Topic 3 <u>Il-Kampanja Maltija</u>

<u>Ħares lejn l-istampi u aqra s-sentenzi</u>



Stampa Ċ

a. Fl-istampa Ċ, jidher il-ħajt tas-sejjieħ u kien jintuża biex jifred għalqa minn oħra.



Stampa D

b. Fl-istampa D, tidher il – Girna li kienet tintuża biex il-bidwi u l-annimali jistkennu fiha meta kienet tagħmel ix-xita fl-għalqa.



Stampa E

Ċ. Fl-istampa E, tidher id-Dura, li kienet tintuża mill-kaċċaturi.



Stampa F

d. Fl-istampa F, tidher il-mitħna u kienet tintuża biex il-qamħ isir dqiq.



Stampa Ġ

e. Fl-istampa Ġ, jidhru l-ħamiem li kienu jgħixu f `toqob żgħar ngħidulhom il-Barumbara.